MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 1028/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti )**

**vs.**

**Samaseku Kono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Samaseku Kono ta' 29 sena, ta' nazzjonalita minn Ivory Coast, iben Osman u Bintu, mwieled gewwa Abidjan Ivory Coast fis-sena 1981 u residenti gewwa Hal Far Open Centre, Police Boat number 06X-034.

Akkuzat talli f'Awissu 2008, f'dawn il-gzejjer, ghamel delitt billi imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-

Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni moghti mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) tal-Kapitolu 9, biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u li l-partijiet qablu li l-piena ghandha tkun wahda ta' xahrejn habs effettiva.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu;  il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u l-fatt li z-zewg partijeit rregistraw qbil dwar il-piena li ghandha tinghata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 28 u 32 (1) (g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, tikkundannah ghal piena ta' xahrejn prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------